# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 18 ta' Awwissu 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 62/2017 PC**

**O.K. Limited (C3506)**

**vs**

**Michelangelus sive Kenneth Grech**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet:

Illi s-soċjeta' "O.K. Limited" (C 3506) biegħet u kkonsenjat lill-konvenut diversi partiti ta' prodotti għad-dar sabiex ibiegħhom fil-ħanut tiegħu ta' "Moods" fir-Rabat, Għawdex. Illi l-konvenut baqa' inadempjenti fil-ħlas dovut għall-imsemmija prodotti u llum il-konvenut baqgħalu jħallas bilanċ ta' tlieta u tletin elf ħames mija u ħamsa u sebgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€33,575.86ċ) u dana kif jidher fir-resokont hawn allegat bħala Dok. 'A';

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut baqa' inadempjenti u l-ammont dovut baqa' mhux saldat;

Illi fil-fehma tal-esponenti nomine, is-somma globali ta' €33,575.86ċ hija ċerta, likwida u dovuta u l-konvenut m'għandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq għall-ħlas ta' dan id-debitu;

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddispensa mis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġiijiet ta' Malta; u

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' €33,575.86ċ rappreżentant l-bilanċ minn ammont akbar dovut għall-bejgħ u kunsinna ta' oġġetti tad-djar mibjugħa lill-konvenut kif imsemmi.

Bl-ispejjes, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 96/2017, li qed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' dina l-kawża u bl-inġunzjoni in subizzjoni tal-konvenut u bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-kunsinna sad-data tal-ħlas effettiv.

Semgħet lill-konvenut fl-udjenza tal-lum jammetti t-talba, b'dana illi jingħata sitt (6) xhur żmien mid-data tal-lum sabiex iwettaq il-ħlas.

Rat il-verbal tal-istess udjenza tal-lum fejn is-soċjeta' attriċi aċċettat din il-kundizzjoni.

Il-Qorti għalhekk fuq ammissjoni tal-konvenut tilqa' t-talba attriċi u tikkundana lill-istess konvenut iħallas is-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlieta u tletin elf, ħames mija u ħamsa u sebgħin ewro u sitta u tmenin ċenteżmu €33,575.86ċ rappreżentant l-bilanċ minnu dovut, bl-ispejjes kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 96/2017 ppreżentat kontestwalment ma' dina l-kawża, b'dana illi qed jingħata wkoll sitt (6) xhur żmien għall-ħlas mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjeż għandhom jiġu ssopportati nterament mill-konvenut.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

18.08.2017 – Sup62.2017 – OK Limited vs Grech Michelangelus sive Kenneth
343